MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1350/2002/1

**Raymond Gatt fil-kwalita' tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' Continental Postform Ltd.**

**vs**

**Carmelo Delia (1890) & Sons**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li d-ditta konvenuta tigi kkundannat thallas lill-attur nomine s-somma ta' disa' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm944.69) rappresentanti bejgh ta' materjal mibjugh mis-socjeta Continental Postform Ltd. fuq struzzjonijiet ta'l-istess ditta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru

mid-data ta’l-istess notifika u cioe’ il-31 ta’ Jannar 2001 kontra d-ditta konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tad-ditta konvenutaipprezentata fid-29 ta’ Novembru 2002 fejn ecceppiet:
1. Illi t-talba ta’l-attur nomine jisthoqqilha li tigi michuda stante li hija ll-preskritta skond l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili
2. Minghajr pregudizzju tal-premess, t-talba hija preskritta wkoll in forza ta’l-artikolu 2156(g) tal-Kodici Civili
3. Illi s-socjeta konvenuta ma ghandha taghti xejn lill-attur nomine.

Illi permezz ta’ nota ipprezentata fis-17 ta’ Marzu 2004, d-ditta konvenuta invokat ukoll il-preskrizzjoni ta’l-azzjoni abbazi ta’ dak dispost fl-artikolu 2148(a) u 2148(b) tal-Kodici Civili

Sema' x-xhieda ta’ Joseph Sammut ghall-attur nomine u ta’ Mario Gauci ghad-ditta konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tad-dokumenti esebiti u tan-nota ta’l-osservazzjonijiet ipprezentata mid-ditta konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi skond ix-xhieda ta’ Joseph Sammut, li kien jiehu hsieb l-*accounts* mas-socjeta Continental Postform Limited, jirrizulta illi ghad hemm bilanc dovut mid-ditta konvenuta ta’ Lm944.69. Huwa ezebixxa l-ahhar *statement* in konnessjoni man-negozju li kien isir mad-ditta konvenuta minn fejn jirrizulta illi l-ahhar pagament li kienet effetwat id-ditta konvenuta kien fis-27 ta’ Marzu 1998. Il-bilanc ma kienx thallas, peress illi d-ditta konvenuta kienet infurmathom, illi l-klijent, li f’dan il-kaz kien il-Gvern, ma kienx hallashom ghall-ghamara li kienet saret mill-materjal mibjugh lilha u ghalhekk l-istess ditta konvenuta ma kenitx f’posizzjoni thallas l-bilanc dovut. Sakemm dan ix-xhud kien ghadu impjegat mas-socjeta Continental Postform Limited, il-pagamenti kienu dejjem isiru lilu mis-sur Delia, l-anzjan, permezz ta’ cekk. Mix-xhieda ta’ Mario Gauci, in

rappresentanza tad-ditta konvenuta, jirrizulta madankollu illi d-ditta konvenuta ma ghandha l-ebda pendenzi mas-socjeta Continental Postform Limited.

Ikkunsidra,

**L-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mid-ditta konvenuta**.

Illi ghalkemm mir-risposta pprezentata mid-ditta konvenuta jirrizulta illi l-preskrizzjoni li qed tigi sollevata hija dik prevista fl-artikoli 2149(a) u 2156(g) tal-Kodici Civili, permezz ta' nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 2004, id-ditta konvenuta taghmel referenza ukoll ghal preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar kontemplata fl-artikoli 2148(a) u (b) ta'l-istess Kodici, u ma issemmi xejn dwar il-preskrizzjoni tal-hames snin abbazi ta'l-artikolu 2156.

Illi ghar-rigward ta'l-preskrizzjoni a tenur ta'l-artikoli 2148(a) u 2149(a), u cioe' ghall-azzjoni spettanti lil mastrudaxxa fost ohrajn u kuntratturi ghax-xoghol li jaghmlu jew ghal materjal li jfornu, t-Tribunal ma jarax illi dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi japplikaw ghal kaz in dizamina. Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta Continental Postform Limited hija socjeta kummercjali li l-iskop tan-negozju taghha huwa li ifornu *panels* tal-*postform* sabiex minnhom sussegwentement issir l-ghamara. Ma jidhirx illi din s-socjeta, illi l-attur qieghed jirrapprezenta bhala stralcarju, tista' taqa' taht id-definizzjoni ta' mastrudaxxa jew kuntrattur, kif tipprovdi l-ligi. Anzi mix-xhieda ta' Joseph Sammut, li kien impjegat mas-socjeta, jidher illi fil-fatt hija s-socjeta attrici li tipprovdi materjal lil mastrudaxxa sabiex l-istess juzawhom ghax-xoghol taghhom u mhux vice-versa.

Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur ta'l-artikolu 2148(b), li d-ditta konvenuta invokat permezz tan-nota taghha tas-17 ta' Marzu 2004, ghandu jinghad is-segwenti.

Illi din id-disposizzjoni tal-ligi tirreferi ghall-azzjonijiet spettanti lill-kredituri ghal prezz ta' merkanzija, oggetti u

affarijiet ohra mibjugha bl-imnut. Min-naha tieghu l-attur nomine isostni illi l-preskrizzjoni applikabbli ghal kaz hija dik ta' hames snin. Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti u senjatament d-Dokument JS1, jirrizulta illi d-ditta konvenuta kienet tixtri ammonti zghar ta' merkanzija madwar erba' darbiet f'sena u dana skond il-bzonnijiet taghha. Ghalhekk dana certament ma huwiex xi tip ta' bejgh bil-grossa (wholesale) li ghalih hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin ai termini ta'l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (ara sentenza Emanuel Micallef pro.et. noe. vs Francis Mercieca – Qorti ta'l-Appell – 26/05/1967). Ghalhekk jirrizulta illi l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz huwa dak previst fl-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Illi ghar-rigward tal-fatti fuq dan il-punt, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Jirrizulta kemm mix-xhieda ta' Joseph Sammut, kif ukoll mid-Dokument JS1, illi l-ahhar pagament effettwat mid-ditta konvenuta kien dak ta' Lm400 fis-27 ta' Marzu 1998. Illi l-ittra ufficjali, li tinsab esebieta a fol.38 u 39 tal-process jidher li gietipprezentat fil-25 ta' Jannar 2001 u innotifikata lid-ditta konvenuta fil-31 ta' Jannar 2001. Ghalhekk il-perijodu ta' tmintax il-xahar kien lehaq iddekorra u kwindi l-azzjoni attrici hija preskritta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-ditta konvenuta a tenur ta'-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------